BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

**Ċirkulari 9/09**

**Ċirkulari lill-Istazzjonijiet tax-Xandir**

**Proċess ta' Konsultazzjoni Mniedi mill-Awtorità tax-Xandir**
**L-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir**

Daħla

Fis-sena 2002, l-Awtorità tax-Xandir kienet ippubblikat, taħt forma ta' Avviż Legali (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.10) *Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir*. Dan il-Kodiċi jipprovdi gwida lix-xandara dwar kif għandhom iwettqu d-dmir tagħhom li jużaw l-ilsien Malti b'mod korrett, jelenka r-responsabbiltajiet partikolari li għandu kull stazzjon sabiex jilħaq dan il-għan (pereżempju, kull stazzjon għandu l-obbligu li jaħtar konsulent fl-ilsien Malti u għandu ukoll obbligu li f'kull skeda jtella' mill-anqas programm wieħed bl-iskop li jippromwovi l-ilsien Malti) u jispeċifika ukoll x'inhuma r-responsabbiltajiet tal-Awtorità tax-Xandir f'dan ir-rigward.

B'danakollu jidher li l-kwalità tal-użu tal-ilsien Malti ma tjibitx b'mod sodisfaċenti u għalhekk l-Awtorità tax-Xandir flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħatru Kumitat ta' Esperti sabiex jagħti pariri lill-Awtorità dwar is-sitwazzjoni attwali u dwar ir-rimedji li jistgħu jittieħdu.

Il-Kumitat ta' Esperti

Il-Kumitat ta' Esperti nħatar f'Awwissu 2008 u kien kompost kif jidher hawn taħt:

Dr Ray Fabri – Chairman
Dr Charles Briffa
Is-Sur Charles Flores
Is-Sur Trevor Zahra – Membri
Is-Sur Jean Pierre Caligari – Segretarju

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 17, Malta. Tel: (+356) 221281, 247908. Fax: (+356) 240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

Il-Kumitat iltaqa' ma' numru ta' persuni u entitajiet li għandhom interess fis-suġġett u, wara numru ta' laqgħat interni, lesta r-rapport tiegħu f'Jannar ta' din is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport qed jiġi mehmuż ma' dan id-dokument għall-iskop tal-konsultazzjoni li qed issir.

## Reviżjoni tal-Kodiċi

L-Awtorità qed tipproponi aġġornament u reviżjoni tal-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir u għalhekk qed tehmeż ukoll ma' dan id-dokument abbozz ta' Kodiċi ġdid li ġie ppreparat wara suġġerimenti li saru mill-istess Kumitat ta' Esperti kif ukoll wara diskussjoni interna fl-Awtorità. Dan l-abbozz, fost ħwejjeġ oħra:

(i) jistabbilixxi numru ta' linji gwida ta' natura ġenerali li għandhom jgħinu lix-xandara fit-twettiq tal-obbligu tagħhom li jaċċertaw l-użu tajjeb tal-ilsien Malti;
(ii) jerġa' jimponi obbligu fuq kull stazzjon li jaħtar konsulent kwalifikat fl-ilsien Malti li jkun jaf x'inhu jiġri fil-qasam tax-xandir, jesiġi li kull xandar għandu jsegwi r-regoli u d-direttivi li joħroġ il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u jtenni l-ħtieġa li kull stazzjon ixandar mill-anqas programm wieħed fl-iskeda tiegħu sabiex iġib 'il quddiem l-ilsien Malti;
(iii) jimponi wkoll ċerti obbligi fuq l-Awtorità tax-Xandir, u ċjoé, fost ħwejjeġ oħra, li tinforza l-ħtiġijiet tal-istess Kodiċi kif ukoll li tieħu miżuri pożittivi sabiex tgħin lix-xandara jilħqu l-għanijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

## Ir-Rapport tal-Kumitat tal-Esperti

Ir-rapport li ħejja l-Kumitat tal-Esperti u li huwa mehmuż ma' dan id-dokument għandu jkun strument utli sabiex jiggwida lix-xandara fl-osservazzjoni tal-ħtiġijiet proposti fil-Kodiċi rivedut kif ukoll lill-istess Awtorità tax-Xandir fl-infurzar ta' dawn il-ħtiġijiet. Għalhekk, huwa importanti għal kull min huwa involut fil-qasam tax-xandir li jistudja dan ir-rapport u jagħti r-reazzjoni tiegħu/tagħha f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

L-Awtorità, naturalment, għad trid tiddeċiedi, wara li jintemm dan il-proċess ta' konsultazzjoni, liema mir-rakkomandazzjonijiet li sarulha f'dan ir-rapport għandhom jiġu addottati u l-medda ta' żmien li matulha dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu fis-seħħ.

Għeluq tal-Proċess ta' Konsultazzjoni

Dan il-proċess ta' konsultazzjoni jagħlaq f'nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2009 u r-reazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:

Kap Eżekuttiv
Awtorità tax-Xandir
7 Triq Mile End
Ħamrun HMR1719
e-mail: anna-maria.buhagiar@ba.org.mt
fax: 21 240855

Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv

24 t'April 2009
Ref 73/01

Rapport tal-kumitat fuq

# il-Malti fix-Xandir

maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
u l-Awtorità tax-Xandir

Dr Ray Fabri
Dr Charles Briffa
Is-Sur Charles Flores
Is-Sur Trevor Żahra
Is-Sur Jean-Pierre Caligari

Il-5 ta' Jannar 2009

# Werrej

**L-Ewwel Parti: Introduzzjoni**
1. Il-kumitat
2. It-termini ta' referenza
3. It-terminu 'xandir'
4. X'nifhmu b'Malti tajjeb

**It-Tieni Parti: Problemi u Rakkomandazzjonijiet**
1 Il-grafika
2. It-titli tal-programmi
3. Ix-xandara
4. Il-mistednin
5. Id-dikjarazzjoni tal-għanijiet
6. Il-kodiċi
7. L-infurzar
8. Ir-riżorsi lingwistiċi
9. Konklużjoni

**Appendiċi 1: Il-Kodiċi**

**Appendiċi 2: Eżempju ta' Terminoloġija Standardizzata**

**Appendiċi 3: Eżempju ta' Gwida għall-Mistednin: Programm tat-tisjir**

L-Ewwel Parti

# Introduzzjoni

**1. Il-kumitat**

1.1 Dan ir-rapport kien imħejji minn kumitat *ad hoc* (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss il-Kumitat) imwaqqaf mill-*Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti* (il-Kunsill) u l-*Awtorità tax-Xandir* (l-Awtorità) bil-għan li jistħarreġ l-istat tal-Malti fix-xandir (ara t-termini ta' referenza għal dan il-Kumitat, f'taqsima 2). Il-membri tal-Kumitat huma Dr Ray Fabri *(chairman),* Dr Charles Briffa, is-Sur Charles Flores, is-Sur Trevor Zahra, u s-Sur Jean Pierre Caligari (segretarju).

1.2 L-ewwel laqgħa tal-Kumitat saret nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Awwissu 2008, u l-aħħar laqgħa nhar il-Ħamis, it-18 ta' Diċembru 2008. B'kollox il-Kumitat iltaqa' ħmistax-il darba. Erbgħa minn dawn il-laqgħat saru ma' rappreżentanti tax-xandir; laqgħa oħra saret mal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin, u oħra mad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni (l-Università ta' Malta) skont kif jidher f'din l-iskeda:
*Il-Ħamis 25 ta' Settembru* – Media Link Communications (Net TV, Radio 101), Smash Radio & Television
*Il-Ħamis 2 ta' Ottubru* – Campus FM, Capital Radio, Radju Marija, Bay Radio
*L-Erbgħa 15 ta' Ottubru* – Radju BKR, Radju Hompesch, u Radju Xeberras
*L-Erbgħa 22 ta' Ottubru* – RTK, PBS (TVM, Radju Malta, u Magic FM), Favourite Channel, ITV Shopping Channel
*Il-Ħamis 23 ta' Ottubru* – L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin
*It-Tnejn 15 ta' Diċembru* – il-Kap tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni

Il-Kumitat iddiżappuntat li, minkejja diversi avviżi, tliet stazzjonijiet nazzjonali tar-radju u tlieta tat-televiżjoni ma attendewx għal dawn il-laqgħat, u li minn 27 stazzjon tal-komunità attendew biss it-tlieta li jidhru hawn fuq.

**2. It-termini ta' referenza**

It-termini ta' referenza kienu dawn li ġejjin. Il-Kumitat għandu:

1. Jidentifika l-problemi fl-użu tal-Malti f'taqsimiet differenti tax-xandir u jissuġġerixxi miżuri kif dawn jistgħu jiġu megħluba fi żmien qasir li ma jiħux aktar minn erba' xhur. Eżempji ta' problemi tipiċi huma l-kitba fl-i*scrolls*, il-pronunzja, u l-użu tan-numri. B'taqsimiet nifhmu, pereżempju, it-taqsima tal-ħabbara/preżentaturi, tal-qarrejja tal-aħbarijiet, tal-ġurnalisti, tal-grafiċi, tad-djs, u tal-aġenziji tar-riklamar.
2. Jixpruna lill-kumitati tekniċi tal-Kunsill

biex jaġġornaw iż-żewġ dokumenti tal-Linji Gwida li jittrattaw l-ismijiet tal-ibliet u l-irħula, u t-terminoloġija tal-informatika.

3. Jidentifika u jikkuntattja korpi (il-Fondazzjoni Tumas Fenech għall-Edukazzjoni fil-Ġurnaliżmu u d-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-Università ta' Malta) li jistgħu jkunu ta' għajnuna professjonali u finanzjarja fit-twettiq ta' dawn il-miżuri.
4. Jitkellem ma' rappreżentanti mill-qasam tal-mużika biex isib modi kif il-mużika bil-Malti tkun aktar preżenti fix-xandir.
5. Jitkellem ma' rappreżentanti mill-aġenziji tar-reklami biex jiżgura li jkun hemm konsistenza fl-użu tal-Malti fir-reklamar.
6. Jagħmel elenku tar-riżorsi li jistgħu jgħinu lix-xandara jħaddmu l-Malti tajjeb (eż. lista ta' kotba u kitbiet).
7. Jelenka problemi oħra li s-soluzzjoni tagħhom tista' tieħu fit-tul; pereżempju jesplora x'jista' jsir biex studenti fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni fl-Università jkollhom preparazzjoni tajba fl-użu tal-ilsien Malti, u diskussjoni dwar kif għandu jinbidel il-Kodiċi tax-Xandir dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti.

### 3. It-terminu 'xandir'

3.1 Bit-terminu 'xandir' wieħed jifhem forma ta' telekomunikazzjoni unidirezzjonali li tixtered bir-radju, televiżjoni jew minn netwerk, u li jirċevuha numru kbir ta' persuni b'apparat apposta. Fi ftit kliem, ix-xandir jinkludi dik il-parti tal-midja li mhijiex stampata (bħal rivisti u gazzetti), jiġifieri prinċipalment ir-radju u t-televiżjoni. Però, il-Kumitat ikkonsidra wkoll l-internet, li fid-dinja tal-lum huwa mezz li għandu element qawwi awdjoviżiv, u li bl-istriming jinxtered ukoll fid-djar.

3.2 Bit-terminu 'xandara' il-Kumitat jifhem dawk in-nies li jaħdmu f'dan il-qasam f'pożizzjoni mhux teknika (inġiniera, tal-kamera, eċċ.), pereżempju ġurnalisti, preżentaturi u djs.

3.3 Speċifikament, dan ir-rapport jittratta l-użu tal-Malti fi programmi, aħbarijiet, reklami, telebejgħ u spots ta' informazzjoni bil-Malti li jidhru jew jinstemgħu fuq l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni li jxandru bil-Malti.

### 4. X'nifhmu b'Malti tajjeb

4.1 B'Malti tajjeb nifhmu Malti kurrenti u modern, li juża lessiku adattat għall-kuntest tad-diskors, bi pronunzja korretta u ċara, binja korretta tas-sentenza, u idjoma xierqa. Id-djaletti huma parti mil-lingwa Maltija u bihom ilsienna jistagħna. Għalhekk l-istazzjonijiet, b'mod partikolari dawk komunitarji, għandhom jinkuraġġixxu l-użu tad-djalett.

4.2 Biex niftiehmu sew, ħa nagħtu xi eżempji ta' żbalji u nuqqasijiet tipiċi li smajniehom aħna jew qalulna fuqhom nies li huma midħla tax-xandir.

***Żbalji ortografiċi***

'baqaw' minflok 'baqgħu', 'xahar' minflok 'xagħar' (u bil-kontra), 'għall dawk' minflok 'għal dawk', 'għażel' minflok 'agħżel' (u bil-kontra)

***Nuqqas ta' tipi Maltin***

'għazzien' minflok 'għażżien', 'igahgahha' minflok 'iġaħġaħha'

***Pronunzja iperkorretta***
[ħamsi:n grad] minflok [ħamsi:n grat] għal 'ħamsin grad'

***Ismijiet tal-irħula u l-ibliet żbaljati***
'Sliema' flok 'Tas-Sliema', 'Qormi' flok 'Ħal Qormi'

***L-użu żbaljat tal-idjoma***
'it-tuffieħa t'għajnejja' minflok 'il-mimmi t'għajnejja', 'poġġi ruħek fiż-żarbun tiegħu' minflok 'poġġi ruħek floku'

***Żbalji grammatikali***
'ilbes qmis ġdid' minflok 'ilbes qmis ġdida', 'is-siġġu qiegħda hawn' minflok 'is-siġġu qiegħed hawn', 'erbgħa u għoxrin suldati' minflok 'erbgħa u għoxrin suldat'

***L-użu ta' kliem u frażijiet barranin (l-aktar bl-Ingliż) meta minflokhom jeżistu frażijiet u kliem bil-Malti***
xelta (għażla), tikkattja (tqasqas, taqta'), tippejstja (twaħħal, tinkolla), tibbojlja (tgħalli), Jerusalem (Ġerusalemm), China (iċ-Ċina), Lebanon (il-Libanu), [spinowla] (Spinola), [valetta] (Valletta), Christmas (il-Milied), il-birthday/[il-berdej] (għeluq sninek), news (l-aħbarijiet), erba' euros (erba' ewro)

B'mod partikolari jaqa' f'din il-kategorija l-użu bl-Ingliż minflok bil-Malti tan-numri (tat-telefown, l-etajiet, qisien ta' ħwejjeġ, żraben, eċċ.), il-flus u l-kuluri, fost oħrajn: 'euro' [jurow] minflok 'ewro', cent/s [sents] minflok ċenteżmu/i, 'jien nagħlaq five illum', 'ċemplu fuq two one four five zero seven two', 'int aktar jixraqlek ir-red mill-yellow'.

***Kollokazzjoni żbaljata u użu żbaljat tal-prepożizzjoni***
'se jwasslilna r-rapport tiegħu minn ġewwa l-Belt' minflok 'se jwasslilna r-rapport tiegħu mill-Belt', 'jittratta dwar il-folklor' minflok 'jittratta l-folklor'.

## It-Tieni Parti

# Problemi u Rakkomandazzjonijiet

F'din it-taqsima sa nħarsu fid-dettall lejn x'inhuma l-problemi li identifikajna fl-użu tal-Malti fix-xandir u sa nagħmlu suġġerimenti kif wieħed jista' jegħleb dawn il-problemi.

**1. Il-grafika**

Hawnhekk ninkludu forom differenti ta' preżentazzjoni, bħalma huma:
a. il-'crawls' (grafika mkarkra),
b. l-'iscrolls' (grafika tielgħa u nieżla),
c. forom oħrajn ta' kitba 'statika'.

Dawn il-forom ta' preżentazzjoni jintużaw biex tintwera informazzjoni li tkun ġejja minn għejun ta' komunikazzjoni differenti bħal SMS's, messaġġi elettroniċi, *credits* u ħajr, riċetti, informazzjoni tat-telebejgħ, kitba pubbliċitarja, *slogans*, *spots* ta' informazzjoni, *promos*, eċċ.

1.1 Wieħed irid jiddistingwi bejn informazzjoni li tkun (a) ippreparata minn qabel u (b) dik spontanja. Tal-ewwel m'għandhiex tkun problematika: m'għandux ikun hemm żbalji f'dan il-każ. It-testi għandhom ikunu ċċekkjati sew. Hija r-responsabbiltà ta' min jippreparahom li jiżgura li ma jkunx hemm żbalji, jekk ikun hemm bżonn wara li jitlob il-parir tal-konsulent (ara t-taqsima 6.3).

Fil-każ (b), ta' informazzjoni spontanja:
i. jekk din issir 'live'/diretta fl-istudjow, għandu jkun żgurat li min jippreżentaha jkun ippreparat u jaf jitkellem u jikteb sew.
ii. jekk il-kitba tiġi direttament mill-pubbliku (eż. b'messaġġi elettroniċi), għandha xorta tkun dejjem korretta.

Biex dan ikun żgurat, qabel ma din l-informazzjoni tkun imxandra, għandu jkun hemm persuna responsabbli biex tiċċekkjahom. Ta' min wieħed jinnota li dan l-iċċekkjar diġà jsir biex jitwarrbu testi jew partijiet minn testi li jkunu vulgari jew libellużi; mela għandu jsir ukoll l-iċċekkjar tal-Malti. Naturalment, dan ifisser li n-nies li jgħarblu din il-kitba jridu jkunu midħla sew tal-Malti.

Jekk it-testi jidħlu bl-Ingliż, għandhom ikunu tradotti għall-Malti jew m'għandhomx jintwerew. (Hekk jew b'hekk, sikwit il-messaġġi bl-Ingliż ikunu wkoll b'Ingliż żbaljat.)

1.2 F'kull kitba, għandhom dejjem jintużaw il-karattri u t-tipi Maltin. F'dan il-każ ukoll għandu jkun żgurat li l-kitba li tidher fil-pubbliku tkun korretta u magħmula mill-ittri tal-alfabett Malti. Dan huwa possibbli issa bl-istandardizzazzjoni tat-tipa skont is-sistema internazzjonali tal-Unicode.

1.3 It-terminoloġija tax-xandir għandha tkun kemm tista' bil-Malti u standardizzata bejn l-istazzjonijiet. Pereżempju, minflok 'production director' għandu jintuża konsistentement it-terminu 'direttur tal-produzzjoni'. F'dawn il-każijiet, għandu jkun ikkonsultat il-kumitat tekniku tat-terminoloġija tal-Kunsill, li għandu r-responsabbiltà li jiżviluppa terminoloġiji adattati għal oqsma differenti. (Ara l-Appendiċi 2 għal xi eżempji oħrajn ta' terminoloġija tax-xandir.)

1.4 Għandu jkun hemm multi jekk jidhru żbalji tat-tip kif deskritt f'din is-taqsima b'mod persistenti (ara t-taqsima 7.2).

**2. It-titli tal-programmi**

Spiss qed jintużaw titli b'ilsna barranin għall-programmi bil-Malti, eż. 'Deal or no Deal', 'Big Bugs', 'Divided', 'Allegria', 'Donne'.

2.1 M'hemm l-ebda raġuni għalfejn it-titli m'għandhomx ikunu bil-Malti, anki jekk dawn huma 'msellfa' minn programmi barranin. Pereżempju, it-Taljani ċerti programmi biddluhom u għamluhom bit-Taljan, bħal 'Grande Fratello' għal 'Big Brother' u 'Affari Tuoi' għal 'Deal or no Deal'.

2.2 Id-diriġenti għandhom ikunu konxji tal-ħtieġa li t-titli jkunu bil-Malti, ħlief f'dawk il-każijiet meta l-isem ikun rikonoxxut internazzjonalment jew ikun xi terminu tekniku (eż. 'Meander', 'Klikk', 'Spektrum').

2.3 L-għażla ta' titli bil-Malti tagħti lok għall-kreattività. Bħalma huwa importanti li titlu ta' film u ta' ktieb jagħti idea tal-kontenut, hekk ukoll għandu jkun titlu ta' programm għar-radju u għat-televiżjoni. Li taqbad isem barrani u tħallih kif inhu juri nuqqas serju ta' kreattività, u ta' sforz u impenn artistiku. Pereżempju, programm li jgħin lit-tfal żgħar (taħt il-ħames snin) biex jitgħallmu ħwejjeġ elementari (bħall-kuluri u n-numri) m'hemm xejn ħażin li jissejjaħ, ngħidu aħna, 'Għalina ż-Żgħar'. Ta' min wieħed jesperimenta bil-kliem tat-tfal iż-żgħar, u jerġa' jagħti l-ħajja lill-kliem li qiegħed jintilef, bħal 'ċejċa', 'bambu', u 'tuttu'.

2.4 F'każijiet fejn ma japplikax dak li ntqal f'paragrafu 2.2, u għaldaqstant it-titlu seta' kien bil-Malti għandhom jingħataw il-multi (ara taqsima 7.2).

**3. Ix-xandara**

3.1 Ix-xandara (preżentaturi, ġurnalisti, kummentaturi, analisti, eċċ.) għandhom l-obbligu li jużaw Malti tajjeb. Għandhom ikunu ppreparati tajjeb. Ħafna drabi dan mhuwiex il-każ u wieħed sikwit jisma' xandara li jagħmlu ħafna żbalji jew li jħalltu bla bżonn l-Ingliż u l-Malti.

3.2 Jingħad li ħafna problemi bħal dawn jinħolqu minħabba n-natura tax-xogħol li tkun titlob ħafna għaġla, speċjalment fi programmi diretti, ta' attwalità u tal-aħbarijiet. Il-kumitat iħoss li, jekk ix-xandar ikollu preparazzjoni tajba u l-għajnuna tal-konsulent u ta' riżorsi lingwistiċi, l-għaġla m'għandhiex tkun problema.

3.3 It-tħarriġ tax-xandara għandu jinkludi element qawwi ta' tħarriġ fl-ilsien Malti. Il-kumitat sema' ħafna lmenti minn nies responsabbli fix-xandir li qed isibuha bi tqila ħafna jsibu impjegati li huma tajbin fil-lingwa daqskemm huma tajbin fl-

għarfien tekniku u teoretiku. Saret kritika (ara l-Minuti tal-Kumitat) għall-Kors tal-Komunikazzjoni tal-Università ta' Malta għax inħass li mhuwiex qed jipprepara lill-istudenti biżżejjed fl-użu tajjeb tal-ilsien Malti, minkejja l-fatt li l-lingwa hija l-għodda prinċipali tax-xandar. Il-Kap tal-Kors tal-Komunikazzjoni informa l-Kumitat li kien hemm diversi tentattivi biex, bħala parti mill-kors, l-istudenti jkollhom taħriġ fil-Malti għall-ġurnaliżmu, u ntweriet ir-rieda li jitfasslu korsijiet ġodda biex jaqdu din il-ħtieġa.

3.4 Ġie nnutat minn xi stazzjonijiet li xi wħud mill-impjegati huma barranin u ma jafux bil-Malti. Il-Kumitat jidhirlu li l-impjegati barranin mal-istazzjonijiet li jridu jidhru quddiem kamera jew ikunu wara mikrofonu wkoll għandhom l-obbligu li jkunu jafu sew bil-Malti jekk jieħdu sehem fi programmi bil-Malti.

L-istazzjonijiet għandhom jipprovdu l-fondi sabiex l-impjegati kollha tagħhom li jkunu f'kuntatt mal-pubbliku jitgħallmu u jtejbu l-Malti (mitkellem u miktub) permezz ta' taħriġ regolari li jkun jinkludi fih:

- korsijiet għax-xandara barranin biex jitgħallmu sew il-Malti
- korsijiet għax-xandara Maltin biex jaġġornaw ruħhom u jtejbu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom minn żmien għal ieħor
- korsijiet speċjalizzati fil-lingwa għall-konsulenti tal-istazzjonijiet

3.5 Ix-xandara għandhom jaraw li l-mistednin Maltin tagħhom ukoll jużaw Malti tajjeb (ara taqsima 4).

**4. Il-mistednin**

4.1 Il-mistednin Maltin ukoll għandhom ikunu ppreparati sew fl-ilsien Malti, u jużaw lingwaġġ adattat, anki meta s-suġġett ikun tekniku ħafna. Il-preżentaturi għandhom jinsistu li l-mistednin tagħhom jitkellmu bil-Malti tajjeb u li ma joqogħdux jaqilbu minn lingwa għal oħra. F'każ li xi mistieden juża l-Ingliż jew xi lingwa oħra barranija, tibqa' r-responsabbiltà tal-preżentatur li jaqleb dak li jingħad f'Malti li jinftiehem.

4.2 L-għażla tal-mistednin m'għandhiex tistrieħ biss fuq il-kompetenza tagħhom fis-suġġett imma wkoll fuq il-ħakma tagħhom tal-ilsien Malti. Iridu jkunu kapaċi jispjegaw ruħhom b'Malti ħafif li jinftiehem minn kulħadd. Wara kollox dawn il-mistednin ikunu jew qed jitħallsu tas-servizz tagħhom jew inkella jieħdu "reklam" b'xejn għall-ħidma u/jew azjenda tagħhom.

4.3 Il-preżentaturi għandhom iqassmu linji gwida, imħejjija minn qabel, fuq l-użu tal-Malti u t-terminoloġija speċifika għas-suġġett lill-mistednin tagħhom sew qabel il-programm biex dak li jkun ikun jista' jipprepara ruħu tajjeb. Din il-gwida għandha ssir flimkien mal-konsulent tal-istazzjon. (Ara l-Appendiċi 3 għal eżempju.)

**5. Id-dikjarazzjoni tal-għanijiet**

Fid-dikjarazzjoni tal-għanijiet tal-istazzjon (il-'mission statement'), għandu jkun hemm referenza ċara għall-politika lingwistika tal-istazzjon.

B'eżempju nagħtu din il-verżjoni:
Dikjarazzjoni tal-għanijiet: 'Dan l-istazzjon jintrabat li jiżgura li l-programmi bil-Malti jkunu tal-aqwa livell skont il-*Kodiċi tax-Xandir Dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir*, u għaldaqstant jagħmel mill-aħjar sabiex imexxi 'l quddiem l-użu tajjeb tal-Malti.'

### 6. Il-Kodiċi

F'dan li ġej, nirreferu għall-*Kodiċi tax-Xandir Dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir* fl-*Att Dwar ix-Xandir*, Kap. 350 bħala l-Kodiċi (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss il-Kodiċi). Il-Kumitat iddiskuta dan il-Kodiċi u qed jissuġġerixxi li jsiru xi tibdiliet. L-Appendiċi 1 juri l-Kodiċi kif kien mibdul mill-Kumitat. Mal-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat, tinsab verżjoni iddettaljata li turi bl-eżatt liema tibdiliet saru biex b'hekk wieħed ikun jista' jqabbel il-verżjoni l-ġdida mal-oriġinali.

6.1 Ħafna minn dawk illi kellem il-Kumitat ma kinux jafu bl-eżistenza tal-Kodiċi, jew ma kinux jafu x'fih eżatt, eż. li f'kull skeda għandu jkun hemm programm li jippromwovi l-Malti bħala lingwa. Għandha tkun ħaġa ovvja li d-diriġenti tal-istazzjonijiet u l-impjegati jridu mhux biss ikunu jafu bil-Kodiċi imma jkunu wkoll jifhmu sewwa l-obbligi tagħhom skont dan il-Kodiċi, b'mod partikulari t-taqsimiet li għandhom x'jaqsmu mal-konsulent u mal-programmi li jippromwovu l-Malti f'kull skeda.

Il-programmaturi, kemm Maltin u kemm barranin, inklużi dawk fil-livell maniġerjali, għandhom l-obbligu li jaraw li jintuża Malti tajjeb qabel ma programm ikun aċċettat għax-xandir fl-iskeda.

6.2 Programm li jippromwovi l-Malti: Il-Kodiċi jitlob li f'kull skeda tal-programmi jkun hemm programm li jippromwovi l-Malti. Dan il-programm għandu jippromwovi speċifikament il-lingwa Maltija, u mhux jittratta xi aspett, ikun liema jkun, tal-kultura Maltija. Il-kunċett tal-kultura huwa usa' minn dak tal-lingwa. Dan ifisser li la programmi fuq il-letteratura, il-folklor, l-istorja, il-mużika, l-arti, eċċ., u lanqas il-qari ta' rumanzi u novelli bil-Malti ma jidħlu f'din il-kategorija. Ifisser li f'kull skeda għandu jkun hemm programm b'tagħrif fuq il-lingwa (eż. kif niktbu bil-Malti, il-grajja tal-Malti), u/jew fuq l-użu tal-lingwa (eż. id-djaletti, ir-reġistri, l-idjomi, l-espressjoni).

6.2.2 Dawk l-istazzjonijiet li jxandru biss mużika u pubbliċità, kif ukoll xi stazzjonijiet komunitarji, jistgħu wkoll iħejju spots qosra ta' informazzjoni fuq il-lingwa jew l-użu tagħha.

6.2.3 Fl-ispirtu ta' dan ir-rapport, il-Kumitat iħoss li l-kanzunetti bil-Malti għandhom jingħataw aktar importanza fl-istazzjonijiet kollha. Hemm xi stazzjonijiet li diġà għandhom programmi ddedikati għall-kanzunetti Maltin, imma hemm oħrajn li ftit li xejn jagħtuhom l-importanza li jistħoqqilhom. Fl-iskeda tagħhom, l-istazzjonijiet għandhom jinkludu programm/i li jittrattaw il-kanzunetti bil-Malti. Fl-istess ħin għandhom jinstemgħu aktar kanzunetti bil-Malti fil-programmi ddedikati lill-mużika u għandhom jintużaw aktar il-kanzunetti bil-Malti bħala sfond jew fil-ftuħ u l-għeluq tal-programmi.

6.3 Il-konsulent: Skont Artiklu 3 tal-Kodiċi kull stazzjon għandu jkollu mill-anqas konsulent wieħed fuq il-lingwa.

6.3.1 Il-konsulent għandu jkun gradwat fil-Malti jew ikollu esperjenza xierqa fil-lingwa u t-tħaddim tagħha. Il-konsulent mhux bilfors ikun impjegat regulari tal-istazzjon, imma għandu jkun lest li jagħti l-parir tiegħu meta jkun hemm bżonn, anki ta' malajr. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-Kunsill ikollu lista ta' persuni li jistgħu jaqdu l-funzjoni ta' konsulenti f'każ li stazzjon jitlob il-parir jew l-għajnuna tiegħu.

6.3.2 Il-konsulent għandu jżomm ruħu aġġornat u jkun f'kuntatt kontinwu mal-Kunsill. Il-konsulenti tal-istazzjonijiet kollha għandhom jiltaqgħu flimkien regolarment (mill-inqas darbtejn f'sena) biex jiddiskutu flimkien u jistabbilixxu uniformità fl-użu tal-lingwa, u biex jaġġornaw ruħhom mal-iżviluppi kollha. Laqgħat bħal dawn jissejħu mill-Awtorità u mill-Kunsill, li jibagħtu rappreżentanti tagħhom għal dawn il-laqgħat.

6.3.3 Ħareġ li f'xi każijiet l-edituri jagħżlu li jinjoraw il-pariri tal-konsulent. Meta jinqala' xi konflitt fejn tidħol il-lingwa, hija l-kelma tal-konsulent li tiswa, wara diskussjoni mal-Kunsill jew mal-konsulenti tal-istazzjonijiet l-oħra. Il-konsulent għandu javża lill-Awtorità jekk il-pariri tiegħu jkunu injorati mill-istazzjon.

## 7. L-infurzar

Min-naħa tal-Awtorità, għandu jsir moniteraġġ regolari u kontinwu tal-programmi fuq l-istazzjonijiet sabiex ikun hemm infurzar tar-regolamenti tal-Kodiċi. Jekk stazzjon ma jimxix mal-Kodiċi, għandhom jidħlu l-multi. Però, minbarra l-impożizzjoni bil-multi, il-Kumitat jirrakkomanda li għandu jkun hemm ukoll mezzi ta' inkoraġġiment għal dawk kollha li jużaw Malti tajjeb.

### *7.1 Il-moniteraġġ*

S'issa jidher li kien hemm nuqqas ta' moniteraġġ u ta' infurzar konsistenti min-naħa tal-Awtorità. Intqal li dan kien prinċipalment għaliex, sa ftit ilu, ma kienx hemm min jimmoniterja l-programmi, ir-riklami u l-ispots ta' informazzjoni. Bħalissa hemm uffiċjal tal-moniteraġġ li qed jagħmel dan ix-xogħol. Dan huwa s-Sur Jean Pierre Caligari, li huwa gradwat fil-Malti. Il-Kumitat jidhirlu, però, li persuna waħda għal dan ix-xogħol mhijiex biżżejjed. Għandu jkun hemm tim adegwat ta' persuni li jiflu l-programmi tal-istazzjonijiet, anki jekk dawn jaħdmu mid-dar u jirrappurtaw lill-uffiċjal tal-moniteraġġ fl-Awtorità.

7.1.2 Apparti mill-moniteraġġ tal-istazzjonijiet min-naħa tal-uffiċjali tal-Awtorità, għandhom jingħataw widen ukoll il-kummenti tal-pubbliku, tal-għaqdiet tal-Malti u tal-kritiċi li jaslu permezz tal-ġurnali u l-mezzi l-oħra tal-informazzjoni jew direttament għand l-Awtorità jew għand il-Kunsill.

7.1.3 Ingħad li xi stazzjonijiet għandhom nies li jixtiequ jużaw Malti tajjeb imma qed isibu ċerti ostakli mis-settur maniġerjali, li bosta drabi la jkollu interess fil-Malti u lanqas ma jkun midħla tiegħu. Għalhekk intweriet ix-xewqa mix-xandara stess li jkun hemm impożizzjoni fuq l-istazzjonijiet.

### 7.2 Il-Multi

7.2.1 Il-Kumitat jaqbel mal-proċedura tal-għotja tal-multi kif inhi bħalissa, jiġifieri li l-ewwel ikun hemm twissija u mbagħad tingħata l-multa skont il-liġi. Hemm bżonn li tibqa' tintuża din il-proċedura u li jkun hemm aktar infurzar permezz tal-multi.

7.2.2 Mal-ewwel darba li jkun hemm żbalji jew nuqqasijiet, l-Awtorità tagħti twissija lill-istazzjon u tgħidlu kif għandu jirranġahom. Meta l-uffiċjal tal-moniteraġġ jibgħat it-twissija lill-istazzjon, fl-istess ħin jinforma lill-konsulent ta' dak l-istazzjon fuq il-problema. F'każ ta' dubju, l-uffiċjal għandu jitlob l-għajnuna tal-Kunsill.

7.2.3 Jekk wara t-twissija l-iżbalji jew nuqqasijiet ma jiġux irranġati (jiġifieri, jerġgħu jidhru jew jinstemgħu), dak ikun ifisser li l-iżbalji jew in-nuqqasijiet ikunu persistenti u l-istazzjon ikkonċernat jeħel multa. Din il-proċedura tintuża għal kull intervent ta' din ix-xorta li jsir mill-Awtorità. Bħalissa l-penali amministrattiva għal min jikser il-Kodiċi hi ta' 1,164 ewro.

7.2.4 F'każ li jkun hemm stazzjon li jibqa' jwebbes rasu u jeħel konsistentement il-multi mingħajr ma jirranġa l-użu tal-Malti, l-Awtorità għandha toħroġ stqarrija pubblika dwar il-każ biex b'hekk tesponi lill-istazzjon ikkonċernat għall-kritika pubblika u timxi skont is-saħħa li tagħtiha l-liġi.

7.2.5 Jista' jkun hemm il-ħtieġa li mat-twissija jkun hemm ukoll diskussjoni mal-konsulent tal-istazzjon. Din hija raġuni oħra għaliex il-kumitat qiegħed jissuġġerixxi li jkun hemm tim ta' uffiċjali tal-moniteraġġ, biex b'hekk il-moniteraġġ tal-istazzjonijiet ikun aktar effiċjenti. L-Awtorità għandha tiżgura li l-moniteraġġ ikun konsistenti u dejjiemi.

### 7.3 L-inkoraġġiment

7.3.1 Premju għall-użu tal-Malti
Il-premju tal-Awtorità għall-aħjar użu tal-Malti ngħata darbtejn, fl-2002 u fl-2003, lil FM Bronja. Mill-2004, l-Awtorità għażlet li tappoġġja l-kategorija tal-Ilsien Malti fil-premjijiet annwali li jingħataw mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM). Il-Kumitat jissuġġerixxi li kemm il-Kunsill u kemm l-Awtorità jagħmlu l-istess fil-każ tal-premjijiet annwali fil-qasam televiżiv (il-Malta Television Awards) u fil-każ tar-radju, jekk jinħoloq premju bħal dak tat-televiżjoni.

L-Awtorità u l-Kunsill għandhom jieħdu ħsieb li dawn il-premjijiet jew ċertifikati jingħataw pubbliċità xierqa fil-mezzi tal-komunikazzjoni.

7.3.2 Għajnuna għall-użu tal-Malti tajjeb
Il-kumitat jissuġġerixxi li l-Awtorità u l-Kunsill jorganizzaw seminars regolari fuq il-Malti għax-xandara kollha, għad-djar tal-produzzjoni, u l-aġenziji tar-reklamar. Dawn is-seminars tajjeb li jinkludu:

- Il-kreattività fil-lingwa għax-xandir
- It-traduzzjoni fix-xandir
- Stili differenti fl-espożizzjoni ta' suġġetti differenti
- Il-problemi tal-lingwa li jiltaqgħu magħhom l-istazzjonijiet
- L-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija u tan-neoloġiżmi
- Diskussjoni fuq il-grammatika u l-lessiku tal-Malti
- L-użu tad-djaletti u varjanti oħra fix-xandir

## 8. Ir-riżorsi lingwistiċi

Ir-riżorsi lingwistiċi għandhom jinkludu kemm materjal stampat u kemm għejun elettroniċi.

8.1 Kull stazzjon għandu jkollu mill-inqas dizzjunarju tal-Malti. Il-Kumitat jirrakkomanda illi idealment l-istazzjonijiet ikollhom għażla tajba ta' dizzjunarji Ingliż-Malti, Malti-Ingliż, Malti-Malti, u oħrajn speċjalizzati. Għandu jkollhom ukoll grammatika jew grammatiċi, il-pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-Kunsill tal-Malti, kotba ta' qwiel, idjomi, u għajnuniet oħra li jinkludu pubblikazzjonijiet ta' kultura bħal letteratura, folklor, mużika, arti, industrija, xjenza, kummerċ, teknoloġija, u divertiment.

8.2 L-istazzjonijiet għandhom iżommu ruħhom aġġornati ma' kull żvilupp fil-lingwa u għaldaqstant tajjeb li jżommu kuntatt regolari mal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jkollu lista ta' riżorsi fuq il-Malti li jagħtiha lill-istazzjonijiet li jitolbuhielu.

8.3 Kien hemm suġġeriment li l-istazzjonijiet għandu jkollhom librerija (jekk mhux diġà teżisti) li fiha jarkivjaw materjal oriġinali bil-Malti u dwar il-Malti biex iservi ta' riżors lingwistiku u ta' għajnuna siewja fit-taħriġ u l-aġġornament tal-impjegati fl-istazzjonijiet. L-istazzjonijiet jistgħu jaqbdu sistema ta' tpartit ta' materjal bħal dan. Id-drittijiet kollha ta' dawn l-arkivji jibqgħu tal-istazzjon li pproduċiehom. Dan ir-rapport jissuġġerixxi li l-Kunsill jitlob il-katalgu ta' dawn l-arkivji mingħand l-istazzjonijiet. B'hekk il-Kunsill ikollu lista' sħiħa li tista' tidderieġi r-riċerka.

## 9. Konklużjoni

9.1 L-għan ewlieni ta' dan il-Kumitat kien li jindaga/jesplora s-sitwazzjoni li jinsab fiha l-ilsien Malti fix-xandir biex b'hekk jidentifika l-problemi u jagħmel suġġerimenti biex dawn il-problemi jkunu megħluba. Kienu identifikati numru ta' problemi varji, u saru suġġerimenti prattiċi kif dawn jistgħu jkunu solvuti.

9.2 Il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-fatt li x-xandir għandu l-obbligu u r-responsabbiltà li jservi ta' eżempju fl-użu tal-Malti bħala lsien nattiv tal-Maltin (ara Taqsima 2 tal-Kodiċi). Aktar ma n-nies ikunu esposti għall-Malti tajjeb, kemm miktub kif ukoll mitkellem, aktar ix-xandir iwettaq l-għanijiet tal-Kodiċi. Dan jgħodd b'mod speċjali għall-istazzjonijiet nazzjonali fi ħdan il-PBS.

9.3 Il-Kumitat jirrikonoxxi l-ħerqa u r-rieda tajba li ntwerew mill-biċċa l-kbira tal-istazzjonijiet li attendew għal-laqgħat li sejjaħ. Kienu lesti biex jiddiskutu u jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom skont l-esperjenzi li għaddew jew għadhom għaddejjin minnhom. Dan jawgura tajjeb għall-ħolqien ta' ambjent aħjar fil-qasam tax-xandir fejn jidħol il-Malti.

9.4 Fl-aħħar nett, il-Kumitat jissuġġerixxi li, sabiex ikun hemm kontinwità u konsistenza fil-politika tal-lingwa li jadottaw il-Kunsill u l-Awtorità, dawn għandhom jiżguraw li darba fis-sena, għall-ħabta ta' Settembru, jitlaqqa' kumitat apposta, magħżul minnhom, biex jara jekk kienx hemmx progress/titjib fis-sitwazzjoni tal-ilsien Malti fix-xandir, jindaga jekk ġewx segwiti r-rakkomandazzjonijiet li qed jagħmel dan ir-rapport, u, jekk ikun hemm bżonn, jagħmel suġġerimenti ġodda, skont il-bżonnijiet tal-mument.

Nifirħu lill-Awtorità u lill-Kunsill għall-inizjattiva siewja tagħhom li jaħtru dan il-Kumitat, u filwaqt li nesprimu x-xewqa li dan ma jkunx l-ewwel u l-aħħar kumitat ta' dan it-tip, nirringrazzjawhom tal-fiduċja li wrew fil-membri tal-Kumitat.

**Dr Ray Fabri**

**Is-Sur Charles Flores**

**Dr Charles Briffa**

**Is-Sur Trevor Żahra**

# Appendiċi 1
# Kodiċi

**ATT DWAR IX-XANDIR** *(KAP. 350)*

Kodiċi tax-Xandir dwar
l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir

1. It-titlu ta' dan il-Kodiċi hu l-Kodiċi tax-Xandir dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir.

2. Ix-xandara għandhom id-dmir li jużaw l-ilsien Malti sew billi:
   a. jifhmu r-responsabbiltà li għandhom li jħarsu l-ilsien Malti;
   b. jimxu ma' kull żvilupp li jseħħ fl-ilsien Malti, sew jekk mitħaddet sew jekk miktub, b'mod speċjali fil-każ tal-ġurnalisti;
   c. jiżguraw li jsiru traduzzjonijiet u adattamenti xierqa bbażati fuq prinċipji fundamentali tat-traduzzjoni;
   d. jgħinu lil kull min ikun qiegħed jieħu sehem f'xi programm kif ukoll iwaqqfu lil min jabbuża mill-ilsien użat;
   e. jgħassu sew, b'mod speċjali fil-każ ta' programmi edukattivi, informattivi, jew tat-tfal;
   f. jiżguraw li l-Malti li jintuża jitħaddem sew f'dik li hi s-semantika, il-grammatika, il-lessiku, il-pronunzja, l-ortografija, u l-kontenut;
   g. jkunu jafu jħaddmu sew kull aspett tal-ilsien biex dak li jingħad juri għaqda, sħuħija u jkun jiftiehem sew;
   h. jużaw b'għaqal kull neoloġiżmu li jidħol fil-Malti u, fejn possibbli, jagħmlu dan skont il-morfoloġija tal-ilsien Malti;
   i. jużaw tajjeb mingħajr ma jirrikorru għall-arkaiżmi; u
   j. jużaw kliem kemm jista' jkun ċar u li jiftiehem sew.

3. Hi r-responsabbiltà ta' kull stazzjon li:
   a. ikollu konsulent kwalifikat tiegħu fl-ilsien Malti u li jkun jaf x'inhu jiġri fil-qasam tax-xandir. Dan il-konsulent jiġi approvat mill-Awtorità tax-Xandir wara konsultazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-ilsien Malti. L-Awtorità tax-Xandir għandha wkoll tippubblika l-isem tal-konsulent fil-Gazzetta;
   b. isegwi r-regoli u d-direttivi li joħroġ il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'dak li hu t-tħaddim tal-ilsien Malti;
   c. juża l-ilsien Malti sew f'kull xandira bil-Malti;

d. josserva kull kundizzjoni li jkun hemm fil-liċenzja tax-xandir u li tkun teħtieġ li l-ilsien Malti jitħaddem b'mod xieraq; u
e. ixandar mill-anqas programm wieħed f'kull skeda ta' programmi biex iġib 'il quddiem l-ilsien Malti. L-istazzjon għandu jinforma lill-Awtorità bid-data u l-ħin ta' dik ix-xandira u għandu jagħti lill-Awtorità tax-Xandir kopja elettronika tax-xandira mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta ssir ix-xandira.

4. Hi r-responsabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir li:
   a. tiżgura li l-istazzjonijiet u x-xandara jimxu mal-obbligi tagħhom skont dan il-kodiċi u r-regoli u l-linji gwida għall-ħarsien u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti;
   b. tieħu ħsieb l-infurzar tar-regoli f'dan il-kodiċi b'mod sistematiku, regolari u konsistenti;
   c. tistqarr fil-pubbliku l-politika tagħha fuq l-ilsien nazzjonali;
   d. minn żmien għal żmien tħejji u tippubblika rapporti fuq il-qagħda tal-ilsien Malti fil-mezzi tax-xandir;
   e. tassisti għaqdiet rappreżentattivi mill-qasam tax-xandir sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom bil-ħsieb li jkunu jirregolaw lilhom infushom fejn tidħol il-lingwa;
   f. timpjega magħha uffiċjali tal-moniteraġġ, u tiżgura li dawn il-persuni jkollhom livell għoli tal-għarfien tal-ilsien Malti.

## Appendiċi 2
# Eżempju ta' Terminoloġija Standardizzata

**Titli televiżivi**

- Preżentazzjoni/Ippreżenta/t
- Ħajr
- Xagħar
- Irtokk
- Dwal
- Awdjo
- Mistieden/Mistiedna/Mistednin speċjali
- Kamera
- Kontroll tal-kameras
- Grafika
- Titli elettroniċi
- Direzzjoni
- Produzzjoni
- Kitba
- Tekniċi/Ass. Tekniċi
- Inġiniera
- Kamera fuq il-post
- Muntaġġ

## Appendiċi 3

# Eżempju ta' Gwida għall-Mistednin: Programm tat-Tisjir

Nitolbok biex kemm jista' jkun tuża kliem u espressjonijiet bil-Malti waqt il-programm. Hawn taħt hawn xi eżempji ta' kliem u ta' espressjonijiet mill-qasam tat-tisjir. Grazzi.

*L-ewwel nippreparaw kollox...*
*Għandkom bżonn: erba' grammi zokkor...*
*Aħsel il-ħaxix u poġġih fi skutella...*
*Daħħal kollox fil-forn li jkollu temperatura ta' mitejn u ħamsin grad...*

Nagħmlu mod li l-preżentatur ikun jaf li l-kok li jkun ġej fil-programm tiegħu jkun se jagħti riċetta ta' "Apple Pie", allura javżah biex jipprepara l-kliem bil-Malti li jinftiehem.

**Torta tat-tuffieħ (apple pie)**

- *Tuffieħ tat-tisjir (tart apples)*
- *Għaġina (pastry)*
- *Meraq tal-lumi (juice of 1 lemon)*
- *Ponta ta' kuċċarina noċemuskata mħakka friska (one-eighth level teaspoon freshly grated nutmeg)*
- *Kannella (cinnamon)*
- *Żbib (raisins)*
  *eċċ.*

**ABBOZZ**

**ATT DWAR IX-XANDIR**
**(KAP. 350)**

**Kodiċi tax-Xandir dwar**
**l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir**

**1.** It-titlu ta' dan il-Kodiċi hu l-Kodiċi tax-Xandir dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir. Titlu.

**2**. Ix-xandara għandhom id-dmir li jużaw l-ilsien Malti sew billi: Dmirijiet li għandhom ix-xandara.

(a) jifhmu r-responsabbiltà li għandhom li jħarsu l-ilsien Malti;
(b) jimxu ma' kull żvilupp li jseħħ fl-ilsien Malti, sew jekk mitħaddet sew jekk miktub, b'mod speċjali fil-każ tal-ġurnalisti;
(c) jiżguraw li jsiru traduzzjonijiet u adattamenti xierqa bbażati fuq prinċipji fundamentali tat-traduzzjoni;
(d) jgħinu lil kull min ikun qiegħed jieħu sehem f'xi programm kif ukoll iwaqqfu lil min jabbuża mill-ilsien użat;
(e) jgħassu sew, b'mod speċjali fil-każ ta' programmi edukattivi, informattivi, jew tat-tfal;
(f) jiżguraw li l-Malti li jintuża jitħaddem sew f'dik li hi s-semantika, il-grammatika, il-lessiku, il-pronunzja, l-ortografija, u l-kontenut;
(g) jkunu jafu jħaddmu sew kull aspett tal-ilsien biex dak li jingħad juri għaqda, sħuħija u jkun jiftiehem sew;
(h) jużaw b'għaqal kull neoloġiżmu li jidħol fil-Malti u, fejn possibbli, jagħmlu dan skont il-morfoloġija tal-ilsien Malti;
(i) jużaw tajjeb mingħajr ma jirrikorru għall-arkaiżmi; u
(j) jużaw kliem kemm jista' jkun ċar u li jiftiehem sew.

**3**. Hi r-responsabbiltà ta' kull stazzjon li: Responsabbiltà tal-istazzjonijiet.

(a) ikollu konsulent kwalifikat tiegħu fl-ilsien Malti u li jkun jaf x'inhu jiġri fil-qasam tax-xandir. Dan il-konsulent jiġi approvat mill-Awtorità tax-Xandir wara konsultazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. L-Awtorità tax-Xandir għandha wkoll tippubblika l-isem tal-konsulent fil-Gazzetta;

(b) isegwi r-regoli u d-direttivi li joħroġ il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'dak li hu t-tħaddim tal-ilsien Malti;

(c) juża l-ilsien Malti sew f'kull xandira bil-Malti;

(d) josserva kull kundizzjoni li jkun hemm fil-liċenzja tax-xandir u li tkun teħtieġ li l-ilsien Malti jitħaddem b'mod xieraq; u

(e) ixandar mill-anqas programm wieħed f'kull skeda ta' programmi biex iġib 'il quddiem l-ilsien Malti. L-istazzjon għandu jinforma lill-Awtorità bid-data u l-ħin ta' dik ix-xandira u għandu jagħti lill-Awtorità tax-Xandir kopja elettronika tax-xandira mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta ssir ix-xandira.

**4**. Hi r-responsabbiltà tal-Awtorita' tax-Xandir li:

Responsabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir.

(a) tiżgura li l-istazzjonijiet u x-xandara jimxu mal-obbligi tagħhom skont dan il-kodiċi u r-regoli u l-linji gwida għall-ħarsien u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti;

(b) tieħu ħsieb l-infurzar tar-regoli f'dan il-kodiċi b'mod sistematiku, regolari u konsistenti;

(c) tistqarr fil-pubbliku l-politika tagħha fuq l-ilsien nazzjonali;

(d) minn żmien għal żmien tħejji u tippubblika rapporti fuq il-qagħda tal-ilsien Malti fil-mezzi tax-xandir;

(e) tassisti għaqdiet rappreżentattivi mill-qasam tax-xandir sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom bil-ħsieb li jkunu jirregolaw lilhom infushom fejn tidħol il-lingwa;

(f) timpjega magħha uffiċjali tal-moniteraġġ, u tiżgura li dawn il-persuni jkollhom livell għoli tal-għarfien tal-ilsien Malti.